# Tislima lil Toni, Charlie u Carmen

**Dr John Baptist Gauci**

Min jafni jaf li l-Għaqda Mużikali Imperial hi għalija t-tieni familja. Hemm kbirt tista' tgħid minn meta kelli seba' snin, hemm tgħallimt il-ftit mużika li naf u minn hemm qbadt il-ġibda lejn ix-xogħol volontarju. Hu għalhekk li kull meta jonqos xi ħadd minn din il-familja, b'mod speċjali jekk ikun mar jiltaqa' mal-Ħallieq, ma tistax ma tħossx dik it-telfa, dak il-vojt, li tħalli dik il-persuna li titbiegħed mill-Għaqda darba għal dejjem. Imbagħad, meta dik il-persuna tkun ħdimt magħha fil-qrib għal diversi snin, kont tpoġġi bilqiegħda magħha madwar l-istess mejda, u tkun qsamt magħha l-esperjenzi diversi, kemm sbieħ u kemm koroħ, li toffri l-ħajja ta' soċjetà bħal tagħna, imbagħad dik it-telfa tħossha bil-wisq iktar.



*Ritratt tal-Kumitat Direttiv għas-snin 2018-2019. Carmen Cini, Carmel Borg u Anthony Grech qegħdin fuq wara fl-ewwel, it-tieni u l-ħames post mix-xellug.*

Mill-festa tal-Vitorja tas-sena l-oħra, l-Għaqda Mużikali Imperial tilfet tliet membri tal-Kumitat Direttiv, tliet membri li kien għadhom iservu bis-sħiħ u b'mod attiv fl-Għaqda li tant ħabbew, tliet persuni li ħallew vojt kbir warajhom. Qed nirreferi għal sħabna Toni Grech, Charlie Borg u Carmen Cini. Permezz ta' dawn il-ftit linji xtaqt naqsam magħkom il-qarrejja xi esperjenzi tiegħi personali li kelli magħhom, u b'hekk nipprova nsellem l-memorja tagħhom kif jixirqilhom u mill-aħjar li nista' u li naf.

Toni sirt nafu sew pjuttost riċenti, meta xi ħames snin ilu hu u jien dħalna flimkien fil-Kumitat Direttiv. Bniedem kwiet, kelma jqisha sew qabel ma jgħidha, dejjem meqjus f'għemilu, u qalbu tad-deheb. Maż-żmien sirt naf li Toni kien involut sew fil-każin minn qabel ma twelidt jien u għamel żmien idoqq il-klarinett mal-Banda Imperial, allavolja jien ma lħaqtux. Għal xi snin kien saħansitra jagħti daqqa t'id fit-tagħlim tal-mużika fil-każin, dejjem mill-aħjar li jista'. Imbagħad kien raġel tal-mestier, fuq ix-xogħol tal-ħadid ma tilgħablux. Kien ħadem diversi armi tal-każin fuq il-ħadid, xogħol mirqum u mill-isbaħ, waħda minnhom qiegħda tiddandan fuq il-bar tal-każin. Qaluli wkoll li kien ħadem fl-istruttura tal-ħadid tal-planċier l-antik tal-banda. Ngħidilkom is-sew, xi wħud mit-tfal ta' Toni kont nafhom qabel ma kont naf li huma t-tfal tiegħu, imbagħad darba ltqajna f'wieħed mill-festini li kien iħobb jagħmel hu u martu Ċensa fil-każin għall-okkażjoni tal-anniversarju tat-tieġ tagħhom. Meta konna niltaqgħu għas-seduta, kien ikun ftit minuti qabel u meta kont inlaħħaq nasal kmieni jien ukoll, kont nintefa' ftit bilqiegħda ħdejh ngħidu kelma. Daqqa naqbduha fuq il-banda, daqqa fuq l-għelieqi li kellu u daqqa fuq mitt ħaġa oħra. Dejjem bil-kwiet u dejjem bil-kalma, l-għaġla ma kinitx ħabiba tiegħu. Darba minnhom narah ġej fl-uffiċċju tas-segretarju qabel ma bdejna s-seduta b'borża tal-plastik u kaxxa fiha. Qalli "Din għalik", u jien għidtlu, "Biex ġej Ton?". Riħa taqsam ta' frawli friska mill-għalqa tiegħu, u




hemmhekk. Malli jiġi lura u jgħaddu l-festi tal-Ewwel tas-Sena, kellna diversi proġetti li ridna nkomplu naħdmu fuqhom u oħrajn biex nibdewhom. Imma ma kellux ikun. Lanqas fhimt sew x'kien qed jgħidli meta l-President tal-Għaqda ċempilli kmieni l-Ħadd filgħodu u beda jgħidli fuq xi inċident fejn l-ajruport li fih kien involut Charlie. Bħal sajjetta fil-bnazzi, Charlie għadda għall-ħajja ta' dejjem traġikament nhar it-28 ta' Diċembru 2019 fl-età ta' 67 sena.

nistqarr magħkom li ma bgħattux lura biha! Toni mar jiltaqa' mal-Mulej nhar id-29 ta' Settembru 2019 fl-età ta' 87 sena.

Charlie 'iż-żgħir', għax kulħadd hekk kien jafu, sirt nafu ħafna snin ilu, ma niftakarx sew meta. Dan l-aħħar kien reġa' daħal membru fil-Kumitat Direttiv, għax kellu iktar ħin fuq idejh, imma l-ħin li kien jiddedika lill-każin qatt ma naqas matul is-snin. Niftakru dejjem jagħti daqqa t'id fejn kien ikun hemm bżonn, m'hemmx ħin jew ġurnata, iċċempillu u jara kif jagħmel biex jiġi ġirja jara kif jista' jgħin. Dejjem bil-pass imgħaġġel, l-għażż ma kienx jaf fejn joqgħod, raġel bieżel u ħabrieki, imma l-affarijiet kien jagħmilhom sew u bil-galbu. Imbagħad, xħin nillestu milli jkollna nagħmlu, inpoġġu bilqiegħda nieħdu flixkun birra flimkien. L-aqwa li x-xogħol ikun lest u jkun sar tajjeb. Minn dejjem kelli l-kurżità għalfejn kienu jgħidulu 'iż-żgħir', probabbli kont wieħed mill-ftit li ma kontx naf, imma qisni qatt ma kelli l-kuraġġ nistaqsih. Sakemm darba ġie d-diskors u ħadt ix-xoqqa f'moxtha. Sirt naf li meta kien għadu ġuvnott, fil-każin kien hemm tliet membri attivi sew li kien jisimhom Charlie, u hu kien l-iżgħar fosthom. Għad li kiber fl-età xorta baqa' ż-żgħir! Ftit qabel il-Milied tas-sena l-oħra kien fis-seba' sema għax kien sejjer l-Ingilterra fejn il-familja ta' martu Anne biex iqatta' l-Milied

Carmen kienet tista' tgħid ommi tal-każin; ovvjament flimkien ma' oħtha Vivie. Dejjem flimkien kont tarahom, sakemm Vivie ħallitna fl-2016. Imma naħseb li mhux lili biss kienu adottaw, speċjalment meta dak iż-żmien in-nisa li kienu jkunu regolarment il-każin kienu ftit. Carmen kienet mara dejjem ferreħija u kont tkun taf fejn qiegħed magħha. Lill-Għaqda kienet tħobbha bis-serjetà. Meta tkun ġejja xi okkażjoni kont taraha tmidd idejha għax-xogħol u tgħaqqad grupp ta' nisa oħra biex inaddfu fejn ikun hemm bżonn. Mhux l-ewwel darba li kienet tinqala' xi persuna importanti l-każin mingħajr mistennija, u jien kont inċemplilha fl-aħħar minuta, għax inkun insejt ngħidilha qabel, biex tiċċekkja li kollox hemm fl-aħjar kundizzjoni. Naħseb kien ikollha aptit tkellimni sew bil-Malti, u kien ikollha raġun





biex tbigħ, imma qatt ma qaltli xejn ħlief "Iva, sejra", u kienet tħalli kollox minn idejha u terħilha lejn il-każin. Serviet għal ħafna snin fil-Kumitat tan-Nisa, u kienet l-ewwel mara li daħlet fil-Kumitat Direttiv tal-Għaqda tagħna, fi żmien meta nisa fil-kumitati tal-każini f'Malta u Għawdex kont tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda. Ċert li fil-lista tal-prijoritajiet tagħha, wara żewġha Frans u l-familja tagħhom, il-Każin kien ta' fuq nett u kważi tgħid li għexet ħajjitha kollha għal u fil-każin. Fil-festi tal-Milied u tal-Għid kienet tħobb tagħmel il-ħelu tradizzjonali, u kien jiġiha tajjeb għax ħafna drabi kienet iddewwaqni minn dak li tkun għamlet. U naħseb li fuq il-ħelu konna qed nitkellmu l-każin madwar mejda b'kikkra te quddiemha, ftit wara l-funeral ta' Charlie, ftit sigħat qabel ħallietna ħabta u sabta biex tmur tiltaqa' m'oħtha Vivie għand il-Mulej. Kien nhar l-4 ta' Jannar 2020 fl-età ta' 71 sena.

Is-soċjetà inġenerali ħadet ħafna mingħand Toni, Charlie u Carmen, u mingħand il-bosta nies oħra li bħalhom taw il-kontribut volontarju tagħhom fil-komunità, u ta' dan għandna għalfejn nirringrazzjawhom. L-Għaqda Mużikali Imperial kompliet timxi 'l quddiem matul is-snin għax kienet u għadha mogħnija b'nies bħal dawn li ħadmu u għadhom jaħdmu qatigħ b'risq l-għanijiet li għalihom kienet imwaqqfa l-Għaqda tagħna disgħin sena ilu. Għalhekk l-Għaqda Mużikali Imperial, li huma tant kienu jħobbu minn qalbhom, tathom l-aħħar tislima minn qalbha u minn qalb il-membri kollha billi akkumpanjat waqt il-funeral tagħhom. Dan ukoll bħala ġest żgħir ta' apprezzament lejn il-familjari tagħhom li min jaf kemm -il darba ċċaħħdu minnhom sabiex huma setgħu jaħdmu fi ħdan l-Għaqda tagħna.

Personalment, ninsab ferm grat u onorat li kont naf li dawn it-tlett iħbieb u kollegi, li flimkien ma' ħafna nies oħra għallmuni immens. It-tagħlim li ħadt mingħandhom ma tieħdu qatt minn fuq il-bank tal-iskola, jew minn fuq il-kotba. Tagħlim bil-fatti u mhux bid-diskors biss ta' kif tgħix f'għaqda u ta' kif taħdem għal interess komuni u mhux dak personali. Toni, Charlie u Carmen dan il-prinċipju ta' solidarjetà u volontarjat ħaddnuh u għexuh fil-prattika.

Il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem kif tassew jixirqilhom u jagħti s-sabar lill-familji tagħhom.

